# Il-Partiċipju Passiv ta’ kliem li ġej mill-Ingliż

Aqra s-silta t’hawn taħt u nnota l-verbi b’linja taħthom.

Wara, imla t-tabella bil-partiċipju passiv ta’ kull verb.

## Facebook

Kienu saru l-ħamsa ta’ waranofsinhar malli Kevin wasal mill-università. L-ewwel ħaġa li għamel kif wasal id-dar kien li xegħel il-kompjuter u fetaħ il-Facebook. Wara xi għaxar minuti **jibbrawżja** fuq Facebook, Kevin ftakar li kellu xi ritratti fuq il-pendrive tiegħu u għalhekk iddeċieda li **jissejvja** r-ritratti fil-kompjuter. Wara li qagħad iqalleb ftit dawn ir-ritratti huwa **ssettja** wieħed mir-ritratti bħala l-profil ewlieni tiegħu filwaqt li **ppowstja** ritratt eħor li kellu ma’ sħabu fuq il-paġna tiegħu.

Ftit wara, Kevin ftakar f’vidjow li kien vera għoġbu u xtaq jaqsmu ma’ sħabu. Kevin fetaħ il-Youtube, sab il-vidjow u tefgħu fuq il-paġna tiegħu. Kevin xtaq li sħabu jkunu jafu b’dan il-vidjow, għalhekk **itteggja** lil sħabu kollha biex la jidħlu fuq Facebook, ikollhom aċċess għalih. Kevin kompla jqalleb fil-profili ta’ sħabu waqt li **jikklikkja** fuq xi ritratti jew posts li laqtuh.



Xħin minn isfel instema’ leħen ommu tgħajjatlu biex jinżel isfel jiekol, Kevin **iċċekkja** fuq fuq jekk daħlitlux xi ittre ġdida u meta ra li ma kellu xejn ġdid għalaq l-

Isem: ______________ Klassi: ______________ Data: ______________

applikazzjonijiet kollha miftuħa u tefa l-kompjuter.

Malli l-iskrin tal-kompjuter intefa Kevin ftakar f'logħba li kien qallu **jiddawnlowdja** sieħbu Alec waqt ir-rikreazzjoni. Iżda Kevin iddeċieda li jkun aħjar li jinżel jiekol u jiddawnlowdjaha aktar tard għax inkella l-ikel jiksaħlu u jiġih ħażin pesta. Apparti minn hekk ma jkunx xieraq li jħalli lil ommu tistennieh biex taqliblu.

| Verb | Mamma | Partiċipju Passiv ta' kliem li ġej mill-Ingliż | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Singular Maskil | Singular Femminil | Plural |
| 0. jibbrawżja | bbrawżja | ibbrawżjat | ibbrawżjata | ibbrawżjati |
| 1. jissejvja | | | | |
| 2. ssettja | | | | |
| 3. ppostja | | | | |
| 4. itteggja | | | | |
| 5. jikklikkja | | | | |
| 6. iċċekkja | | | | |
| 7. jiddawnlowdja | | | | |